MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2013

Numru. 619/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs.**

**Ali Moussa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ali Moussa,** ta’ erbgha u ghoxrin (24) sena, iben Omar Moussa u Mona El Daoud, imwieled gewwa l-Libanu fid-9 ta’ Dicembru 1987, u residenti gewwa fond Blokk 5, Flat 1, Triq Axtart, Binja Hal Ginwi, Marsaxlokk u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-Numru 120807(L), akkuzat talli:

1. f’dawn il-Gzejjer, matul ix-xahar ta’ Marzu 2012, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula

b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' mitejn Ewro (€200) ghad-dannu ta' Paul and Rocco Ltd u Malta Post plc;

2. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioé ha u zamm ghandu l-ammont ta' mitejn Ewro (€200) ghad-dannu ta' Paul and Rocco Ltd u Malta Post plc, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

3. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' mitejn Ewro (€200) fi flus kontanti ghad-dannu ta' Paul and Rocco Ltd u Malta Post plc liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna;

4. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5. fl-istess perjodu, lok u cirkosanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija fil-paragrafu precedenti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat dokumenti mmarkati bhala Dok. “RV 1” (*a fol.* 12) u “RV 2” (*a fol.* 13) minn liema jirrizulta li l-ammont ta’ flus li ssir riferenza ghalihom fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew mghoddija mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur u li eventwalment dawn gew mghoddija lil Carmelina Schembri rapprezentanta tas-socjeta’ Paul and Rocco Limited

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (li hija wahda nadifa), l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija, il-fatt li l-ammont ta’ flus li ssir riferenza ghalihom fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew ritornati lura lill-parti leza u l-fatt li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jistghu jigu kunsidrati bhala komprizi u nvoluti f’xulxin.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 183, 184, 261(d), 268(d), 293, 294, 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ tlettax (13) il-xahar prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------